MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Numru. 1131/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Caterina Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Caterina Ellul ta' 54 sena, imwielda Pieta' fil-5 ta' Mejju 1957, bint il-mejtin Carmelo Caruana u Pawla xebba Camilleri, residenti nru 17, Triq il-Warda, Qrendi u detentrici tal-karta ta' l-identita' Numru 0368357M:

1) fl-14 ta' Gunju 2011, ghall-habta ta' l-10:30 Hrs, ikkommettiet hsara volontarja fuq il-proprjeta' (pjanti) a detriment ta' Salvinu Ellul karta ta' identita' numru 0812557(M), liema hsarat jeccedu s-somma ta' mija u sittax Euro u tmienja u ghoxrin centezmi (116.28c Euro) izda ma jeccedix is-somma ta' elf, mija u tnejn u sittin Euro u disa' sebghin centezmi (1162.79c Euro);

2) u talli kkagunat ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Salvinu Ellul;

3) kif ukoll talli kisret il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat, storbju u glied.

Il-Qorti ntalbet tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligi ta' Malta taht kull kundizzjoni li jidhrilha billi tpoggi lill-imputata taht garnzija ghall-protezzjoni ta' Salvinu Ellul.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat lil-imputata wiegbet li mhiex hatja ghall-imputazzjonijiet lilha addebiti.

Rat li l-partijiet iddikjaraw li ezentaw lill-Qorti milli terga′ tisma′ x-xhieda mill-gdid.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata huma dawk (i) ta′ hsara volontarja li teccedi s-somma ta′ €116.28 izda ma teccedix s-somma ta′ €1162.79; (ii) li kkagunat ferita ta′ natura hafifa fuq Salvinu Ellul; u (iii) li kisret il-bon-ordni u l-paci pubblika b′ghajjat,storbju u glied.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputata u l-parte leza Salvinu Ellul huma mizzewgin izda fid-data ta′ l-incident kienet ilhom  diga′ separati ghal tnax-il (12) sena. Uliedhom joqoghdu fl-istess blokka fejn joqghod il-missier precizament fuq ir-residenza tal-parte leza. L-incident gara ezatt quddiem ir-residenza ta′ Salvinu Ellul.

Illi mill-provi jirrizulta li dakinhar ta′ l-incident l-imputata marret ghand it-tifla taghha u hekk kif kienet hierga minghandha rat lil Salvinu Ellul jdahhal mara fir-residenza tieghu.

L-imputata ghazlet li tixhed f′dawn il-proceduri[1]. Meta xehdet quddiem il-Qorti hija qalet li ghalkemm separati, zewgha baqa′ jibghat ghaliha.

[1] Ara xhieda ta’ l-4 ta’ Dicembru, 2012

Hija xehdet li fejn joqghod il-parte leza mic-centre strip ghal mal-hajt tat-tfal kienet kollha bricks bil-pjanti tar-roses u li hija riedet titla' fuqu u bejn il-weraq biex tghaddi kollha xewk u dejjem migrufa u li dawn ma kienux minn dejjem hemm u f'punt tax-xhieda taghha b'referenza ghall-allegazzjoni li tqacctu r-roses qalet li *"Jiena qtajt biex nghaddi "*. Madankollu tali versjoni tikkontrasta ferm ma ' dak dikjarat mill-istess imputata mal-Pulizija. Infatti mill-okkorrenza[2] jirrizulta li meta mitkellma hija stqarret li dakinhar tal-incident marret filghodu ghand it-tfal u *"malli kienet sejra lura lejn id-dar igifieri ghall-habta ta' 10:00HRS rat lir-ragel taghha u hasebet hazin. Peress li huma jinsabu sseparati hija marret ghand it-tifla li tabita fl-istess blokka ta' Salvu Ellul u x'hin harget barra nnutat mara diehla gewwa l-garage li jinsab mar-residenza ta' Salvu Ellul. Hi stqarret li bdiet tghajjat u Salvu Ellul beda jghid lil dik il-mara li kien hemm mieghu sabiex terhilha u tidhol gewwa"*. Imbaghad fl-istqarrija li hija tat fil-25 ta' Awwissu 2011[3] u li ghazlet li tiffirma hija qalet *"Dakinhar jien qbadt lil Salvu fil-fatt idahhal mara gewwa hwejgu u x'hin rajt hekk jien infexxejt mal-pjanti ta' 'roses' li ghandu barra, u li jmissu mal-hajt tat-tfal. Irrid inzid li bdejt nghajru ghax dak li ghamel hu beda jitfghu fuqi"*. Ghalhekk mill-provi jirrizulta li l-imputata qacctet il-pjanti mhux biex tghaddi izda ghaliex irrabbjat meta rat lil Salvinu Ellul idahhal mara ohra gewwa daru. L-ispettur Carlos Cordina[4] xehed li meta dakinhar ta' l-incident marru fuq il-post sabu lil Caterina Ellul li kienet tidher li hadet tbaqbiqa sew u beda jipprova jikkalmaha bil-kelma t-tajba imma kellu juza ton aktar qawwi biex fl-ahhar ikkalmat. Huwa xehed *"Fuq il-post niftakar li kien hemm mifrux mal-art hafna petali ta' xi roses jew fjuri ohra, kif ukoll zkuk u weraq"*. Salvinu Ellul xehed li apparti li l-imputata qalghet fjuri hija qalghet ukoll xi pjanti peress li bdiet taghtihom b'saqajha. Madankollu, WPC22 Lara Butters[5] li marret fuq il-post ftit hin wara l-incident innutat li kien hemm bicciet tal-pjanti mal-art. Fuq mistoqsija tal-Qorti ikkonfermat li l-gheruq tal-pjanti baqghu mhux mittiefsa u li tqacctu kienu weraq u zkuk.

[2] A fol 13 et seq
[3] A fol 22 et seq
[4] Seduta tat-28 ta' Marzu 2012
[5] Seduta tat-28 ta' Mejju 2012

Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti lanqas gie ppruvat li l-imputata kkawzat hsara ghaliex ma ngabitx prova li l-pjanti gew distrutti. Dan apparti l-fatt li lanqas il-valur ma gie ppruvat. Mill-atti processwali jirrizulta li dawn il-proceduri nbdew permezz ta' kwerela datata 14 ta' Gunju 2011[6]. F'din il-kwerela kien inghad li l-hsara volontarja kienet tammonta ghal circa €400. Waqt dawn il-proceduri giet prezentata stima *ex parte* li tindika li l-valur komplessiv ta' 24 pjanta huwa ta' €204. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Tonna**[7] gie kkwotat l-appell kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** [8] fejn gie ritenut:

*"L-istima … hija opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

F'dan il-kaz ma saritx stima ta' perit u l-hsara ma gietx apprezzata direttament mill-Qorti. L-istima ma gietx ikkonfermata bil-gurament minn min ghamilha u l-parte leza waqt ix-xhieda tieghu lanqas kkonferma bil-gurament li huwa hallas dak l-ammont biex jixtri xi pjanti godda. Id-difiza argumentat ukoll li l-imputata ma tistax tinstab hatja ta' l-ewwel imputazzjoni mhux biss ghaliex il-valur ma rrizultax izda wkoll ghaliex ir-roses kienu mizrugha f'art li mhix tal-parte civile izda fuq art pubblika u fil-fatt dawn il-pjanti tnehhew mill-awtoritajiet stess kif irrizulta mix-xhieda ta' Audrey Testaferrata De Noto[9] li l-*flower pots*

[6] Dok CC1 a fol 20
[7] Appell Kriminali deciz fid-29 ta' Settembru, 2010
[8] Deciz fl-24 ta' Frar 2003
[9] Seduta tas-16 ta' Lulju, 2013

kienu fuq art pubblika u ma kienx hemm awtorizzazzjoni min-naha ta' Transport Malta li jkunu sitwati fejn kienu.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija ghall-ewwel imputazzjoni.

Ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni l-imputata tammetti li tat daqqa ta' harta lil Salvinu Ellul. Madankollu fl-atti ma gie ezebit l-ebda certifikat mediku u minn imkien ma jirrizulta fl-atti li Salvinu Ellul sofra xi ferita. Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' provi l-Qorti ma tistax issib htija fuq tali imputazzjoni.

Illi t-tielet imputazzjoni hija ta' natura kontravenzjonali preskrivibbli bid-dekors ta' tlett xhur. L-incident mertu tal-kawza sehh fl-14 ta' Gunju 2011. Mill-atti ma jirrizultax meta l-imputata giet notifikata l-ewwel darba b'dawn il-proceduri izda jirrizulta li t-tahrika ta' kawza tal-Pulizija giet prezentata fir-registru biss fl-10 ta' Ottubru 2011 u ghalhekk wara tlett xhur mill-incident. Ghalhekk l-imputata bilfors giet notifikata wara l-10 ta' Ottubru 2011 meta t-terminu ta' tlett xhur kien ghadda. Konsegwentement din it-tielet imputazzjoni hija preskritta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tiddikjara t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputata bhala preskritta, ma ssibx lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------